



12.7.2010

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 0063/2010, ippreżentata minn Gianni Darai, ta' nazzjonalità Taljana, dwar ittra miftuħa lill-Parlament biex tiġi salvata l-popolazzjoni ta' Venezja

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

Minħabba l-karatteristiċi speċifiċi ta' Venezja, il-ħajja hija aktar ikkumplikata u għalja għaċ-ċittadini. Kulma jmur aktar u aktar ċittadini qed jitolqu mill-belt, ħwienet u snajja' qed jisparixxu u jgħidhom posthom it-turiżmu, u dalwaqt issir mużew fil-beraħ. Il-petizzjonant jispjega li amministrattivament, Venezja tkompli ma' Mestre fuq l-art prinċipali, iżda l-partikolarità tagħha ma titqabbel bl-ebda mod ma' din il-belt industrijali u għalhekk l-awtoritajiet f'it jifmuhom. Kien hemm proposta f'it żmien ilu għal miżura ta' ħelsien mit-taxxi biex ikun hemm konsiderazzjoni tal-20% aktar tal-għoli tal-ħajja fil-belt, iżda din il-proposta waqgħet fuq il-pretest li jkun hemm tgħawwiġ fil-kompetizzjoni. Il-Petizzjonant jappella lill-Parlament biex jgħin ireġġa' lura s-sitwazzjoni bl-għotja ta' status speċjali lil Venezja biex jgħin lir-residenti jikkompensaw għall-għoli tal-ħajja żejjed u jħaddem il-miżuri għall-promozzjoni ta' negozji u snajja' tradizzjonali.

### 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fid-data 27 April 2010. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

### 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet nhar 12 Lulju 2010.

Il-Kummissjoni taqbel bis-sħiħ mal-petizzjonant li l-preservazzjoni tal-patrimonju kulturali, it-tradizzjonijiet u l-għeruq, u r-rispett għad-diversità kulturali, huma ta' importanza kbira. Il-Kummissjoni tippromwovi attivament dawn il-prinċipji, pereżempju fil-kuntest tal-kooperazzjoni dwar il-politika kulturali, l-Aġenda Ewropea għall-Kultura u l-Programm Kulturali tal-UE 2007-2013.

L-ambitu tal-Kummissjoni fil-qasam tal-kultura huwa deskritt fl-Artikolu 167 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jgħid illi "[I]-Unjoni għandha tikkontribwixxi għall-fjoritura tal-kulturi tal-Istati Membri, filwaqt li tirrispetta d-diversità nazzjonali u reġjonali tagħhom u fl-istess waqt tirriżalta il-wirt kulturali komuni. L-azzjoni tal-Unjoni għandha jkollha l-mira li tinkoraġġixxi l-koperazzjoni bejn l-Istati Membri u, jekk jinħtieġ, tappoġġa u tissupplimenta l-azzjoni tagħhom [...]"

Ir-responsabilità fil-qasam tal-ħarsien tal-patrimonju kulturali għalhekk jaqa' f'idejn l-Istati Membri. Dan jimplika li l-Kummissjoni ma tistax tintervjeni biex tiddetermina l-mezzi li bihom il-patrimonju kulturali nazzjonali, inklużi s-snajjja' tradizzjonali u l-artiġjanat, jiġi mħarsa, ippreservati, restawrati jew riġenerati.

Il-Programm ERDF 2007-2013 għall-Veneto jinkludi prijorità speċifika bl-għan li jżied u jiġi promoss il-patrimonju kulturali u naturali tar-reġjun. B'mod partikolari, il-programm se jikkofinanzja azzjonijiet għall-preservazzjoni ta' artiġjanat tradizzjonali u artistiku jew għall-użu tal-patrimonju kulturali bħala mużewijiet, libreriji jew żoni kulturali oħra.

Madankollu, l-għażla ta' proġetti singoli fi ħdan il-Programm Operattiv hija responsabilità tal-Awtorità Amministrattiva.

L-Awtorità Amministrattiva kompetenti li għandha tiġi kkuntattjata għal iktar dettalji hija:

Regione Veneto  
Direzione Programmi Comunitari  
(c.a. Dott. Fabio Zuliani)  
**Fondamenta Santa Lucia**  
Cannaregio 23  
30121 Venezia (VE)  
E-Mail: progcomunitari@regione.veneto.it

Fir-rigward tal-inċentivi fiskali li jistgħu jintużaw biex tissaħħaħ l-ekonomija lokali, f'dan l-istadju ta' żvilupp tal-liġi tal-UE, fl-eżerċizzju tal-kompetenzi fiskali tagħhom, l-Istati Membri għandhom jirrispettaw il-liġi tal-UE, u b'mod partikolari l-prinċipju tan-non-diskriminazzjoni u d-dispożizzjonijiet dwar l-Għajnuna Statali.